## JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 3** **STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**TAQSIMA A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

dmir; dritt; ekonomija; iskola; kultura; mass media; relazzjonijiet; solidarjeta'; stratifikazzjoni; volontarju.

1. Il-bniedem ma jistax jgħix waħdu; kontinwament jidħol f' ________________________ ma' l-oħrajn.
2. Fil-familja tiġi trasmessa l-______________________ tas-soċjeta'; jiġifieri l-ulied jiġu mgħallma t-tradizzjonijiet, il-valuri, il-lingwa u l-mod ta' ħajja.
3. L-______________________ hi struttura soċjali li s-soċjeta' ħolqot għall-avvanz tagħha għax mingħajr edukazzjoni ma jsirx progress.
4. Permezz ta' l-____________________ s-soċjeta' tħaddem ir-riżorsi tagħha biex tipproduċi aktar ġid.
5. Fejn hemm id-diżugwaljanza bejn il-klassijiet soċjali nsibu ______________________ soċjali.
6. B' __________________________ nfissru dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni li jilħqu l-massa tan-nies.
7. Fuq il-post tax-xogħol għandna d-________________ li nkunu sodisfatti u mħarsa u għandna d-___________________ li nkunu onesti u bil-għaqal.
8. Fil-ħin liberu hu tajjeb li nippruvaw ngħinu lill-oħrajn permezz ta' xogħol ___________________ biex nuru l-valur tas-___________________.

**( 10 marki )**

**TAQSIMA B**

**Agħti t-tifsira ta' dawn il-kliem:**

1. Adoloxxenza: ______________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

2. Soċjalizzazzjoni: ______________________________________________

______________________________________________

3. Struttura Soċjali: ______________________________________________

______________________________________________

4. Ambjent: ______________________________________________

______________________________________________

5. Kultura: ______________________________________________

______________________________________________

6. Teknoloġija: ______________________________________________

______________________________________________

7. Klassi Soċjali: ______________________________________________

______________________________________________

8. Stratifikazzjoni Soċjali: ______________________________________________

______________________________________________

9. Grupp Etniku: ______________________________________________

______________________________________________

10. Rivoluzzjoni Industrijali: ______________________________________________

______________________________________________

**( 20 marka )**

**TAQSIMA C**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

Fl-1963, Martin Luther King qal: "Għandi ħolma li xi darba, l-ulied ta' dawk li kienu skjavi u ulied dawk li kienu jħaddmu l-iskjavi jpoġġu flimkien madwar mejda bħala sinjal ta' għaqda bejniethom." King kien Amerikan ta' dixxendenza Afrikana, dak li llum qegħdin insejħulu *African-American.* Huwa ried li kulħadd ikollu l-istess drittijiet, hu x'inhu l-kulur tal-ġilda tiegħu.

Il-kliem famużi ta' King kienu l-ispirazzjoni għal dawk li ħadmu bi sħiħ f'waħda mill-aqwa ġlidiet tas-Seklu 20.

Ir-razziżmu minn dejjem kien jeżisti. U ngħidu x'ngħidu, għadu fostna, anki jekk f'forom iżjed sottili.

Kull forma ta' razziżmu twassal għall-inġustizzji kbar u krudili. Il-firxa tad-demokrazija u d-drittijiet umani għenu ħafna fil-ġlieda kontra r-razziżmu. Iċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi demokratiċi, hi x'inhi r-razza tagħhom, suppost li jgawdu l-istess drittijiet.

Il-ġlieda kontra r-razziżmu ma hix biss ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin. Meta ċ-ċittadini ta' razez differenti ġo l-istess pajjiż ma jimxux sewwa ma' xulxin, ikun hemm l-inkwiet.

1. X'tifhem bil-kelma razziżmu? (2)

___

2. Għaliex jeżisti r-razziżmu? (3)

___

___

3. "Kull forma ta' razziżmu twassal għall-inġustizzji kbar u krudili." Agħti 3 eżempji ta' inġustizzji li n-nies ibatu minnhom minħabba r-razziżmu. (3)

___

___

4. Tista' tagħti eżempji ta' xi pajjiż fejn minħabba r-razziżmu kien hemm l-inkwiet? Għid x'ġara. (5)

___

___

___

5. Barra Martin Luther King, semmi persuna oħra li ħadmet kontra r-razziżmu. (2)

___

**( 15-il marka )**

**TAQSIMA D**

1.




Dawn iż-żewġ stampi juru kif Susan u Sarah qed iħejju ruħhom għall-interview biex jibdew jaħdmu. Agħmel lista ta' x'għandek tagħmel u ma tagħmilx biex tipprepara ruħek għall-ewwel interview tiegħek għax-xogħol. (12)

2. "In-nies imorru għax-xogħol għall-flus biss."

a. X'tifhem bil-kelma 'xogħol'? (2)

b. Semmi 4 modi differenti ta' kif ix-xogħol jaffettwa l-ħin liberu. (8)

c. Għal-liema raġunijiet oħra, minbarra għall-flus, jaħdmu in-nies? (3)

**( 25 marka )**

**TAQSIMA E**
**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb mhux inqas minn 80 kelma dwaru:**

1. World Health Organization.
2. Red Cross Society.
3. Eden Foundation.
4. Il-Ġnus Maqgħuda.
5. It-Trade Unions.

**( 10 marki )**

**TAQSIMA F**
**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb mhux inqas minn 200 kelma dwaru:**

1. Ħafna jgħidu li t-tipjip għandu jiġi pprojbit mill-postijiet pubbliċi kollha. Oħrajn jgħidu li dan mhux sewwa għal min ipejjep. Kif taħsibha int u għaliex?
2. L-effetti tad-droga fuq ix-xogħol, is-saħħa u r-relazzjonijiet ta' persuna.
3. Qabel ma telqu mill-iskola għal kollox l-istudenti tal-Fifth Form taw Lm1,000 bħala donazzjoni biex jintefqu ħalli jitjieb l-ambjent ta' l-iskola. Issuġġerixxi modi differenti kif l-iskola tista' tuża dawn l-flus. Agħti r-raġuni għas-suġġerimenti tiegħek.
4. It-tibdil li sar fl-industrija u fl-impiegi permezz ta' l-iżvilupp tat-tekonoloġija.
5. Immaġina li inti s-sindku tal-kunsill lokali tar-raħal/belt tiegħek u qed tintebaħ li fiż-żona ma hemmx faċilitajiet rekreattivi fejn nies ta' kull eta' jistgħu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom. Flimkien mal-kunsilliera bdejt tippjana x'faċilitajiet jistgħu jiġu pprovduti fil-lokalita'. X'tip ta' faċilitajiet bi ħsiebek tipprovdi u għaliex?

**( 20 marka )**